Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **28 ta' Diċembru 2020**

**Il-Mużew tal-Istorja Naturali jerġa' jiftaħ f'Jannar, skemi ta' roħs u vouchers estiżi**

Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali se jerġa' jiftaħ għall-pubbliku fid-9 ta' Jannar 2021, wara li ilu magħluq għal dawn l-aħħar xhur biex isiru xogħlijiet estensivi ta' tisbiħ u ristrutturar kif ukoll titjib fil-wirja u fl-interpretazzjoni.

Matul Jannar, Heritage Malta se tkun qed testendi r-roħs ta' 50% fuq il-Multisite Ticket u l-Family Pass, li bosta bbenefikaw minnu f'Diċembru billi xtraw dawn il-biljetti b'nofs il-prezz tas-soltu.

L-iskema tal-vouchers għall-viżitaturi tal-Ipoġew ta' Ħal Saflieni wkoll se tiġi estiża sa tmiem Jannar. Permezz ta' din l-iskema, dawk kollha li jżuru l-Ipoġew jingħataw vouchers li jistgħu jissarrfu sal-aħħar ta' Marzu 2021 fil-ħwienet kollha ta' Heritage Malta fis-siti u l-mużewijiet tagħha.
Iż-żjarat kollha fis-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta jsiru f'osservanza stretta tar-regolamenti tas-Saħħa Pubblika b'rabta mal-pandemija tal-Covid-19.

Din hija l-lista sħiħa tas-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta li se jkunu miftuħin f'Jannar:

L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni se jkun miftuħ mit-Tnejn sal-Ħadd mid-9.00am sal-5.00pm. Biljetti fl-aħħar ħin jistgħu jinxtraw biss mis-sit.

Mill-Ħamis sal-Ħadd, se jkunu miftuħin dawn il-mużewijiet u siti mill-10.00am sal-4.30pm:

Il-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra
Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija
MUŻA
L-Armerija tal-Palazz

Il-Forti Sant'Anġlu
Il-Katakombi ta' San Pawl
It-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra
It-Tempji ta' Skorba u Ta' Ħaġrat
It-Tempji tal-Ġgantija
Il-Mitħna Ta' Kola

Kull nhar ta' Tlieta, Sibt u Ħadd, se jkunu miftuħin dawn il-mużewijiet u siti mill-10.00am sal-4.30pm:

Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali
Għar Dalam u Borġ in-Nadur
Id-Domvs Romana
Il-Palazz tal-Inkwiżitur
It-Tempji ta' Ħal Tarxien
Il-Mużewijiet taċ-Ċittadella u ċ-Ċentru tal-Viżitaturi

Għalissa, dawn il-mużewijiet u siti se jibqgħu magħluqin minħabba proġetti li għaddejjin fihom:

Il-Katakombi Ta' Bistra
Iċ-Ċentru għall-Interpretazzjoni tal-Fortifikazzjonijiet
Il-Mużew Marittimu
Il-Kmamar Statali tal-Palazz tal-Gran Mastru

Għal aktar tagħrif żur is-sit www.heritagemalta.org